2023/2693

1.12.2023

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2023/2693

tat-30 ta' Novembru 2023

li jiddetermina li l-informazzjoni li għandha tiġi skambjata awtomatikament skont il-ftehim iffirmat mill-awtoritajiet kompetenti ta' New Zealand u ta' ċerti Stati Membri hija ekwivalenti għall-informazzjoni speċifikata f'ċerti dispożizzjonijiet tad-Direttiva tal-Kunsill 2011/16/UE

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 2011/16/UE tal-15 ta' Frar 2011 dwar il-kooperazzjoni amministrattiva fil-qasam tat-tassazzjoni u li tħassar id-Direttiva 77/799/KEE ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 8ac(7), l-ewwel subparagrafu, tiegħu,

Billi:

(1) L-Artikolu 8ac(7), l-ewwel subparagrafu tad-Direttiva 2011/16/UE jipprevedi li wara talba motivata ta' Stat Membru jew fuq inizjattiva tagħha stess, il-Kummissjoni għandha tiddetermina jekk l-informazzjoni li għandha tiġi skambjata awtomatikament mill-awtoritajiet kompetenti ta' dak l-Istat Membru u ġuriżdizzjoni mhux tal-Unjoni skont ftehim bejn dawk l-awtoritajiet u dik il-ġuriżdizzjoni, hijiex ekwivalenti għal dik speċifikata fl-Anness V, it-Taqsima III, il-paragrafu B ta' dik id-Direttiva. Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/823 ([2]) jistabbilixxi regoli għall-implimentazzjoni ta' dik id-dispożizzjoni tad-Direttiva 2011/16/UE.

(2) Wara talba tal-awtorità kompetenti ta' New Zealand fil-31 ta' Marzu 2023, il-Kummissjoni ddeċidiet li tiddetermina jekk l-informazzjoni li jeħtieġ li tiġi skambjata awtomatikament skont il-Ftehim Multilaterali bejn l-Awtoritajiet Kompetenti dwar l-iskambju awtomatiku ta' informazzjoni dwar l-introjtu derivat permezz ta' pjattaformi diġitali ([3]) ("DPI-MCAA"), li bħalissa huwa ffirmat mill-awtoritajiet kompetenti ta' New Zealand u tal-Belġju, tal-Bulgarija tal-Kroazja, ta' Ċipru, tal-Estonja, tal-Finlandja, tal-Irlanda, tal-Latvja, tal-Lussemburgu, ta' Malta, tan-Netherlands, tal-Polonja, tal-Portugall, tas-Slovakkja, tas-Slovenja, ta' Spanja u tal-Iżvezja ("l-Istati Membri firmatarji") hijiex relatata mal-attivitajiet fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2011/16/UE u jekk hijiex ekwivalenti għall-informazzjoni meħtieġa skont ir-regoli ta' rapportar stabbiliti f'dik id-Direttiva.

(3) Għall-finijiet tad-determinazzjoni, il-Kummissjoni vvalutat l-Att tal-2023 dwar it-Tassazzjoni (Rati Annwali għall-2022–23, Ekonomija tal-Pjattaformi, u Kwistjonijiet ta' Rimedju) ta' New Zealand ("l-Att") ([4]) u d-DPI-MCAA li bħalissa huwa ffirmat bejn l-awtoritajiet kompetenti ta' New Zealand u tal-Istati Membri firmatarji.

(4) L-Att jemenda l-Att tal-1994 dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa ta' New Zealand u japplika d-dispożizzjonijiet tal-*Model Rules for Reporting by Platform Operators with respect to Sellers in the Sharing and Gig Economy* ([5]) ("ir-Regoli Mudell") tal-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi (OECD) tal-2020, issupplimentati

([1]) ĠU L 64, 11.3.2011, p. 1.

([2]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/823 tat-13 ta' April 2023 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet tad-Direttiva tal-Kunsill 2011/16/UE fir-rigward tal-valutazzjoni u d-determinazzjoni tal-ekwivalenza tal-informazzjoni fi ftehim bejn l-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru u ġuriżdizzjoni mhux tal-Unjoni (ĠU L 103, 18.4.2023, p. 1).

([3]) Id-DPI-MCAA huwa disponibbli online fuq *Model Reporting Rules for Digital Platforms: International Exchange Framework and Optional Module for Sale of Goods* (oecd.org)

([4]) L-Att tal-2023 dwar it-Tassazzjoni (Rati Annwali għall-2022–23, Ekonomija tal-Pjattaformi, u Kwistjonijiet ta' Rimedju) huwa disponibbli online fuq https://www.legislation.govt.nz/act/public/2023/0005/latest/LMS749649.html

([5]) OECD (2020), *Model Rules for Reporting by Platform Operators with respect to Sellers in the Sharing and Gig Economy*, OECD, Pariġi. Disponibbli online fuq https://www.oecd.org/tax/exchange-of-tax-information/model-rules-for-reporting-by-platform-operators-with-respect-to-sellers-in-the-sharing-and-gig-economy.pdf

bil-*Model Reporting Rules for Digital Platforms: International Exchange Framework and Optional Module for sale of goods* ([6]) ("ir-Regoli Mudell estiżi") tal-OECD tal-2021. Terminu definit fir-Regoli Mudell jew fir-Regoli Mudell estiżi u użat fl-Att ikollu l-istess tifsira li jkollu dak il-ħin fir-Regoli Mudell jew fir-Regoli Mudell estiżi.

(5) It-Taqsimiet tal-Att li japplikaw ir-Regoli Mudell se jidħlu fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2024. Waħda minnhom hija t-Taqsima 211, li ddaħħal it-Taqsimiet 185S u 185T fl-Att tal-1994 dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa. Skont it-Taqsima 185T tal-Att tal-1994 dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa, il-Gvernatur Ġenerali jista', b'digriet fil-Kunsill li sar fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Ministru għad-Dħul, jiddikjara data li fiha t-Taqsimiet tal-Att tal-1994 dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa li japplikaw ir-Regoli Mudell estiżi għandhom jidħlu fis-seħħ, u dak id-digriet fil-Kunsill għandu jsir sa mhux aktar tard minn 3 snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ tal-Att.

(6) Id-DPI-MCAA huwa qafas legali internazzjonali żviluppat mill-OECD biex jappoġġa l-iskambju awtomatiku annwali tal-informazzjoni miġbura skont ir-Regoli Mudell tal-OECD mill-ġuriżdizzjoni tar-residenza tal-operatur tal-pjattaforma mal-ġuriżdizzjonijiet ta' residenza tal-bejjiegħa (u, fir-rigward ta' tranżazzjonijiet li jinvolvu l-kiri ta' proprjetà immobbli, il-ġuriżdizzjonijiet li fihom tinsab din il-proprjetà immobbli), kif determinat abbażi tal-proċeduri ta' diliġenza dovuta.

(7) Id-DPI-MCAA li bħalissa huwa ffirmat minn New Zealand u mill-Istati Membri firmatarji jeħtieġ l-attivazzjoni tar-relazzjoni ta' skambju bejn New Zealand u kull Stat Membru firmatarju f'konformità mat-Taqsima 7 tad-DPI-MCAA.

(8) F'konformità mal-Artikolu 2 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2023/823, il-Kummissjoni ddeterminat li d-definizzjonijiet rigward l-operatur ta' pjattaforma rapportanti stabbiliti fl-Att u fid-DPI-MCAA ffirmat mill-awtoritajiet kompetenti ta' New Zealand u tal-Istati Membri firmatarji huma ekwivalenti għad-definizzjonijiet stabbiliti fl-Anness V, it-Taqsima I, is-subparagrafi A(1) sa A(4) tad-Direttiva 2011/16/UE.

(9) F'konformità mal-Artikolu 3 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2023/823, il-Kummissjoni ddeterminat li d-definizzjonijiet rigward il-bejjiegħa rapportabbli stabbiliti fl-Att u fid-DPI-MCAA ffirmat mill-awtoritajiet kompetenti ta' New Zealand u tal-Istati Membri firmatarji huma ekwivalenti għad-definizzjonijiet stabbiliti fl-Anness V, it-Taqsima I, is-subparagrafi B(1) sa B(4), C(1) u C(2) tad-Direttiva 2011/16/UE.

(10) F'konformità mal-Artikolu 4 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2023/823, il-Kummissjoni ddeterminat li d-definizzjonijiet tal-attività rilevanti stabbiliti fl-Att u fid-DPI-MCAA ffirmat mill-awtoritajiet kompetenti ta' New Zealand u tal-Istati Membri firmatarji huma ekwivalenti għad-definizzjonijiet stabbiliti fl-Anness V, it-Taqsima I, is-subparagrafi A(8), A(10), A(11) u C(9) tad-Direttiva 2011/16/UE.

(11) F'konformità mal-Artikolu 5 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2023/823, il-Kummissjoni ddeterminat li l-proċeduri ta' diliġenza dovuta stabbiliti fl-Att u skont id-DPI-MCAA ffirmat mill-awtoritajiet kompetenti ta' New Zealand u tal-Istati Membri firmatarji huma ekwivalenti għall-proċeduri ta' diliġenza dovuta stabbiliti fl-Anness V, it-Taqsima II tad-Direttiva 2011/16/UE u għad-definizzjonijiet stabbiliti fl-Anness V, it-Taqsima I, is-subparagrafi C(3) sa C(7) tad-Direttiva 2011/16/UE.

(12) F'konformità mal-Artikolu 6 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2023/823, il-Kummissjoni ddeterminat li r-rekwiżiti ta' rapportar stabbiliti fl-Att u skont id-DPI-MCAA ffirmat mill-awtoritajiet kompetenti ta' New Zealand u tal-Istati Membri firmatarji huma ekwivalenti għar-rekwiżiti ta' rapportar stabbiliti fl-Anness V, it-Taqsima III, is-subparagrafi A(1), A(2), A(5), A(6) u A(7) u l-paragrafu B tad-Direttiva 2011/16/UE, u għad-definizzjonijiet stabbiliti fl-Anness V, it-Taqsima I, is-subparagrafi C(3) sa C(8) tad-Direttiva 2011/16/UE.

([6]) OECD (2021), *Model Reporting Rules for Digital Platforms: International Exchange Framework and Optional Module for Sale of Goods*, OECD, Pariġi. Disponibbli online fuq https://www.oecd.org/tax/exchange-of-tax-information/model-reporting-rules-for-digital-platforms-international-exchange-framework-and-optional-module-for-sale-of-goods.pdf

(13) F'konformità mal-Artikolu 7 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2023/823, il-Kummissjoni ddeterminat li r-regoli u l-proċeduri amministrattivi stabbiliti fl-Att u fid-DPI-MCAA ffirmat mill-awtoritajiet kompetenti ta' New Zealand u tal-Istati Membri firmatarji, biex jiżguraw l-implimentazzjoni effettiva tal-proċeduri ta' diliġenza dovuta u r-rekwiżiti ta' rapportar kif ukoll il-konformità magħhom, huma ekwivalenti għad-dispożizzjonijiet stabbiliti fl-Anness V, it-Taqsima IV, il-paragrafi A sa D tad-Direttiva 2011/16/UE.

(14) Għalhekk, l-informazzjoni li jeħtieġ li tiġi skambjata awtomatikament bejn l-awtoritajiet kompetenti ta' New Zealand u tal-Istati Membri firmatarji skont id-DPI-MCAA jenħtieġ li titqies ekwivalenti għal dik speċifikata fl-Anness V, it-Taqsima III, il-paragrafu B tad-Direttiva 2011/16/UE. F'konformità mal-Artikolu 8 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2023/823, din id-determinazzjoni tal-ekwivalenza tapplika għall-istess ftehim bejn l-awtoritajiet kompetenti ta' kwalunkwe Stat Membru ieħor u ta' New Zealand.

(15) Peress li t-Taqsimiet tal-Att li japplikaw id-dispożizzjonijiet tar-Regoli Mudell għadhom ma daħlux fis-seħħ, id-determinazzjoni tal-ekwivalenza jenħtieġ li tapplika biss għall-attivitajiet rilevanti li jinvolvu l-kiri ta' proprjetà immobbli u servizz personali, kif definit fl-Anness V, it-Taqsima I, is-subparagrafu A(11) tad-Direttiva 2011/16/UE, mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dawk it-Taqsimiet.

(16) Peress li t-Taqsimiet tal-Att tal-1994 dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa li japplikaw id-dispożizzjonijiet tar-Regoli Mudell estiżi se jidħlu fis-seħħ biss f'data speċifikata f'digriet fil-Kunsill li għad irid jiġi adottat mill-Gvernatur Ġenerali ta' New Zealand, iżda li għandu jiġi adottat sa mhux aktar tard mill-1 ta' April 2026, id-determinazzjoni tal-ekwivalenza jenħtieġ li tkun tapplika wkoll għall-attivitajiet rilevanti li jinvolvu l-kiri ta' kwalunkwe mod tat-trasport u l-bejgħ tal-oġġetti, kif definit fl-Anness V it-Taqsima I, is-subparagrafu C(9) tad-Direttiva 2011/16/UE, mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dawk it-Taqsimiet.

(17) Madankollu, id-determinazzjoni tal-ekwivalenza jenħtieġ li tapplika biss dment li r-relazzjoni ta' skambju bejn New Zealand u l-Istati Membri firmatarji tiġi attivata f'konformità mat-Taqsima 7 tad-DPI-MCAA.

(18) Kif meħtieġ mill-Artikolu 25(1) tad-Direttiva 2011/16/UE, l-iskambju kollu ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri u tal-ġuriżdizzjonijiet mhux tal-Unjoni skont id-DPI-MCAA għandu jkun jikkonforma mar-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([7]).

(19) Ġie kkonsultat il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data* f'konformità mal-Artikolu 42(1) tar-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([8]).

(20) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat dwar il-Kooperazzjoni Amministrattiva għat-Tassazzjoni,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Determinazzjoni tal-ekwivalenza

L-informazzjoni li jeħtieġ li tiġi skambjata awtomatikament skont l-Att tal-2023 dwar it-Tassazzjoni (Rati Annwali għall-2022–23, Ekonomija tal-Pjattaformi, u Kwistjonijiet ta' Rimedju) u l-Ftehim Multilaterali bejn l-Awtoritajiet Kompetenti dwar l-iskambju awtomatiku ta' informazzjoni dwar l-introjtu derivat permezz ta' pjattaformi diġitali ("DPI-MCAA"), li bħalissa huwa ffirmat mill-awtoritajiet kompetenti ta' New Zealand u tal-Belġju, tal-Bulgarija, tal-Kroazja, ta' Ċipru, tal-

([7]) Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data*) (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1).

([8]) Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39).

Estonja, tal-Finlandja, tal-Irlanda, tal-Latvja, tal-Lussemburgu, ta' Malta, tan-Netherlands, tal-Polonja, tal-Portugall, tar-Repubblika Slovakka, tas-Slovenja, ta' Spanja u tal-Iżvezja ("l-Istati Membri firmatarji"), hija ekwivalenti, skont it-tifsira tal-Anness V, it-Taqsima I, is-subparagrafu A(7) tad-Direttiva 2011/16/UE, għall-informazzjoni speċifikata fl-Anness V, it-Taqsima III, il-paragrafu B tad-Direttiva 2011/16/UE.

Id-determinazzjoni tal-ekwivalenza għandha tapplika kif ġej:

(i) għandha tapplika għall-attivitajiet rilevanti li jinvolvu l-kiri ta' proprjetà immobbli u servizz personali kif definit fl-Anness V, it-Taqsima I, is-subparagrafu A(11) tad-Direttiva 2011/16/UE mid-data tad-dħul fis-seħħ tat-Taqsimiet kollha tal-Att tal-2023 dwar it-Tassazzjoni (Rati Annwali għall-2022–23, Ekonomija tal-Pjattaformi, u Kwistjonijiet ta' Rimedju) li japplikaw id-dispożizzjonijiet tal-*Model Rules for Reporting by Platform Operators with respect to Sellers in the Sharing and Gig Economy* tal-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi (OECD) tal-2020, u li ġew ivvalutati mill-Kummissjoni;

(ii) għandha tapplika għall-attivitajiet rilevanti li jinvolvu l-kiri ta' kwalunkwe mod tat-trasport u l-bejgħ tal-oġġetti kif definit fl-Anness V, it-Taqsima I, is-subparagrafu C(9) tad-Direttiva 2011/16/UE mid-data tad-dħul fis-seħħ tat-Taqsimiet kollha tal-Att tal-1994 dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa, kif emendat mill-Att tal-2023 dwar it-Tassazzjoni (Rati Annwali għall-2022–23, Ekonomija tal-Pjattaformi, u Kwistjonijiet ta' Rimedju), li japplikaw id-dispożizzjonijiet tal-*Model Reporting Rules for Digital Platforms: International Exchange Framework and Optional Module for sale of goods* tal-OECD tal-2021, u li ġew ivvalutati mill-Kummissjoni;

(iii) minbarra l-kundizzjonijiet stabbiliti fil-punti (i) u (ii), din għandha tapplika biss meta r-relazzjoni ta' skambju bejn l-awtoritajiet kompetenti ta' New Zealand u ta' kull Stat Membru firmatarju tiġi attivata f'konformità mat-Taqsima 7 tad-DPI-MCAA.

Artikolu 2

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-30 ta' Novembru 2023.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN